27 ta' Ġunju, 1949.
Imħallfin :
Is-S.T.O. Sir G. Borg, Kt., M.B.E., LL.D., *President.*
L-Onor. Prof. Dr. E. Ganado, LL.D.
L-Onor. Dr. L.A. Camilleri, LL.D.

Avv. Dr. Antonio Caruana *versus* Caterina Gerada et.

**Nota ta' l-Eċċezzjonijiet — Dikjarazzjoni — Sentenza — Nullità — Kwalità Ereditarja — Art. 158 (2) u (5) u art. 216 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili.**

*L-eċċezzjonijiet għandhom jiġu mogħtija fin-nota ta' l-eċċezzjonijiet, u mhux fid-dikjarazzjoni il takkompanja dik in-nota; u għalhekk ma hemmx nullità ta' sentenza fuq il-motiv li dik is-sentenza naqset li tiddeċidi xi eċċezzjoni, meta dik l-eċċezzjoni ma kienetx mogħtija fin-nota ta' l-eċċezzjonijiet għalkemm kien hemm aċċenn għaliha fid-dikjarazzjoni.*

*Lanqas ma hemm nullità tas-sentenza għax ma tkunx iddeċediet b'kap separat l-eċċezzjoni li tikkontesta l-kwalità ereditarja ta' l-attur; għax dik l-eċċezzjoni mhix waħda minn dawk li l-liġi trid li jiġu maqtugħa b'kap separat.*

*Lanqas hija nulla s-sentenza li ma jkunx fiha menzjoni tad-domanda u tar-risposta, meta dawn ikunu ġà ssemmew f'sentenza preċedenti mogħtija fl-istess kawża; għaliex id-deċiżjonijiet li jingħataw fl-istess kawża huma ħaġa waħda u għandhom ikunu kunsidrati bħala pronunċjament uniku tal-Qorti, għalkemm dan ikun kompost minn iżjed minn deċiżjoni waħda. Għalhekk f'każi bħal dawn huwa biżżejjed li ssir riferenza fis-sentenza għad-domanda u l-eċċezzjonijiet ġà msemmijin fis-sentenza preċedenti mogħtija fl-istess kawża.*

*Lanqas hija nulla s-sentenza għax il-kawża kienet ġiet trattata fuq domanda waħda u differita għas-sentenza fin-nuqqas ta' ostakolu, u mbagħad il-Qorti tagħti dik is-sentenza fuq it-talbiet kollha.*

Il-Qorti — Rat iċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tiegħu r-Re, li biha l-attur, wara li talab li jkunu premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni, u wara li ppremetta li bejn id-dar nru. 71, Strada Sant'Angelo, Casal Zejtun, proprjetà tiegħu, li jippossjediha kwantu għal 4/11 porzjon indiviża in

forza ta' liberazzjoni a favur tiegħu magħmula fis-subasta segwita taħt l-awtorità ta' dik il-Qorti fit-13 ta' Settembru 1941, fl-ismijiet "Avukat Dottor Antonio Caruana kontra l-eredità ġjaċenti ta' Dottor Giuseppe Fenech" kif f'dawk l-atti ta' subasta rappreżentata (dok. A), u kwantu għall-bqija bħala eredi leġittimu ta' Maria Teresa armla ta' Angelo Caruana, lil dina pervenuta d-dar fl-att tad-diviżjoni riċevut min-Nutar Michele Claudio Debono fit-8 ta' Settembru 1859 (dok. B), u bejn id-dar nri. 68 u 69 ta' l-istess triq, proprjetà tal-konvenuta Caterina Gerada, jeżisti sqaq ossija passaġġ, li għandu bieb għal fuq l-istess triq, li jġib in-numru 70, jagħti għal kamra żgħira ossija loġġa fuq it-triq imsemmija u jestendi ruħu tul il-fabbrikat u l-ġonna taż-żewġt idjar fuq riferiti. sqaq u kamra li huma proprjetà komuni tiegħu u tal-konvenuta Caterina Gerada; li fuq dan l-isqaq hemm aperturi ta' bibien u twieqi fil-ħitan diviżorji taż-żewġt idjar riferiti; li d-deċiżjoni mogħtija fit-3 ta' Ġunju 1946 mill-Qorti ta' l-Appell tal-Maestà tar-Re fl-ismijiet "Caterina Gerada vs. Avukat Dottor Antonio Caruana", li għaliha hu jagħmel umilment riferenza, ġiet bażata fuq l-assunta prova "illi l-isqaq "de quo" għandu fuqu diversi aperturi favur id-dar li kwota minnha ġiet mibjugħa lill-konvenut appellant, u għalhekk huwa indubitat illi d-dar fuq dak l-isqaq għandha drittijiet ta' servitù", kif ukoll ġiet bażata fuq l-assunta prova li għall-fini tat-trasferiment ta' l-isqaq favur l-appellant huwa meħtieġ li jkun hemm il-kwota preċiża li huwa qiegħed jakkwista minn dan l-isqaq, ħaġa li ma tidherx li saret; u li l-konvenuti Farmaċista Onorato u Caterina konjugi Gerada qegħdin jagħmlu użu mill-isqaq fuq imsemmi biex jgħaddu għall-fond nru. 41, Piazza Maggiore, Zejtun, retropost għal dak l-isqaq, u dana kontra d-destinazzjoni ta' l-istess sqaq, limitata għall-użu taż-żewġt idjar fuq imsemmijin, ċjoè d-dar nru. 71 Strada Sant'Angelo, Zejtun, proprjetà tiegħu, u d-dar nri. 68 u 69 ta' l-istess triq, proprjetà tal-konvenuti Caterina Gerada; talab li :— (1) Rigward il-konvenuta mart il-Farmaċista Onorato Gerada, minnu assistita, għall-fini tad-dispost fl-art. 814 ittra (j) tal-Proċedura Ċivili, jiġu dikjarati foloz il-provi li fuqhom ġiet bażata d-deċiżjoni fuq riferita mogħtija fit-3 ta' Ġunju 1946

mill-Qorti ta' l-Appell tal-Maestà tar-Re fl-ismijiet "Caterina Gerada vs. Avukat Dr. Antonio Caruana", ċjoè (a) il-prova li d-dar nru. 71 Strada Sant'Angelo, Zejtun, proprjetà tiegħu, għandha drittijiet ta' servitù attivi fuq l-isqaq interpost bejn l-istess dar u d-dar nri. 68 u 69 ta' l-istess triq, proprjetà tal-konvenuta Caterina Gerada, u jiġi inveċi dikjarat illi l-aperturi tat-twieq u bibien fil-ħitan diviżorji taż-żewġt idjar fuq riferiti ma jikkostitwux servitù fuq l-imsemmi sqaq, imma użu ta' l-stess sqaq komuni, a norma ta' l-art. 528 tal-Kodiċi Ċivili, kif ġie espressament konvenut bejn Michele Pulis u Angelo Vella, allura proprjetarji separatament taż-żewġt idjar, fuq l-att riċevut min-Nutar Massimilano Troisi Menville fit-13 ta' Awissu 1801 (dok. C); (b) il-prova li fl-att tat-trasferiment ma ġietx indikata l-kwota li hu fis-subasta tat-13 ta' Settembru 1941, fuq riferita, xtara mill-isqaq "de quo", u jiġi inveċi deċiż illi fl-att tas-subasta stess u fin-nota tat-trasferiment relativ, li ġġib in-numru 811 ta' l-1941 (dok. A) ġiet indikata l-kwota, ċjoè erbgħa minn ħdax (4/11), liberata lilu bħala quota indiviża mill-sqaq fuq imsemmi b'bieb nru. 70 Strada Sant'Angelo, Zejtun, bħala parti mid-dar nru. 71 ta' l-istess triq, li tagħha l-istess kwota ġiet liberata a favur tiegħu fl-istess subasta; (2) iż-żewġ konvenuti jiġu inibiti milli jagħmlu użu ta' l-isqaq fuq imsemmi, li għandu bieb nru. 70 Strada Sant'Angelo, Zejtun, biex jgħaddu għal jew mill-fond nru. 44, Piazza Maggiore, Zejtun. Bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti, illi opponew :— (1) illi l-attur mhux proprjetarju tad-dar nru 71 Triq Sant'Angelo, Zejtun, billi kwantu għall-parti mixtrija ġiet irkuprata mill-konvenuta, illi ppreżentat iċ-ċedola tar-retratt li biha ġie riżolut it-titolu ta' l-attur, u kwantu għall-kumplament billi l-eredità ta' Maria Teresa Caruana hija testata u l-attur mhux wieħed mill-eredi; (2) illi mingħajr preġudizzju, il-pretiża falsità hija part ta' l-immaġinazzjoni ta' l-attur, u għalhekk l-ewwel domanda tiegħu hija infondata; (3) u kwantu għat-tieni domanda, bħala proprjetarja ta' l-isqaq għandha d-dritt li tagħmel kwalunkwe użu tiegħu sakemm ma timpe-

dix illi jagħmel użu anki ħadd ieħor illi jista' jkollu drittijiet ta' komproprjetà fuq l-istess sqaq; b'riżerva ta' eċċezzjonijiet oħra;

*Omissis;*

Rat id-deċiżjoni l-oħra mogħtija minn dik il-Qorti fit-28 ta' Ġunju 1948, li biha ġew miċħuda t-talbiet ta' l-attur, *bl*-ispejjeż kontra tiegħu; wara li kkunsidrat;

Illi kif jidher ċar mill-attijiet tal-kawża, il-kwistjoni hija ntiża sabiex l-attur ikun jista' jottjeni dikjarazzjoni ta' falsità bħala mezz pre-ordinat għall-eventwali kawża ta' ritrattazzjoni. Dik il-falsità tirrigwarda, skond l-attur, il-provi li fuqhom is-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell tat-3 ta' Ġunju 1946, fl-ismijiet ta' din il-kawża nvertiti, waslet għad-deċiżjoni tagħha, u ċjoè għall-prova li d-dar numru 71 Strada Sant'Angelo, Casal Zejtun, li l-attur jallega li hija proprjetà tiegħu, għandha dritt ta' servitù attiva fuq l-isqaq interpost bejn l-istess dar u d-dar numru 68 u 69 ta' l-istess triq, proprjetà tal-konvenuta Caterina [illegible], mentri invece, skond l-istess attur, kellu jiġi dikjarat illi l-aperturi tat-twieqi u l-bibien fil-ħitan diviżorji taż-żewġt idjar fuq riferiti ma kienux jikkostitwixxu servitù fuq l-imsemmi sqaq, imma biss użu ta' l-istess sqaq komuni skond ma jgħid l-art. 528 tal-Kodiċi Ċivili, u kif ġie anki espressament konvenut bejn Michele Pulis u Angelo Vella, allura proprjetarji separatament taż-żewġt idjar, fuq l-att riċevut min-Nutar Massimiliano Troisi Menville fit-13 ta' Awissu 1801; u (b) il-prova li fl-att tat-trasferiment ma ġietx indikata l-kwota li l-attur fis-subasta tat-13 ta' Settembru 1941 xtara mill-isqaq "de quo", billi kellu jiġi, fil-ħsieb ta' l-attur, inveċi deċiż illi fl-attijiet tas-subasta stess, fin-nota tat-trasferiment relativ li jġib in-numru 811 ta' l-1941 kienet ġiet indikata l-kwota, ċjoè erbgħa minn ħdax (4/11) il-parti, liberata lill-attur bħala kwota indiviża mill-isqaq fuq imsemmi, bil-bieb numru 70 Strada Sant'Angelo, Zejtun, bħala parti mid-dar numru 71 ta' l-istess triq, li taqbel ma' l-istess kwota kif liberata a favur ta' l-istess attur fl-istess subasta;

Illi s-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell tal-Maestà Tiegħu r-Re tat-3 ta' Ġunju 1946 iddisponiet billi laqgħet l-appell ta'

l-atturi (Caterina Gerada assistita minn żewġha), billi ddikjarat u ddeċediet illi l-attriċi eżerċitat tajjeb id-dritt tagħha tar-retratt minħabba t-titolu ta' viċinanza, b'riżerva għat-tieni talba għall-qtugħ ta' l-eċċezzjoni mogħtija mill-konvenut (l-Avukat Dr. Antonio Caruana), fis-sens illi huwa anki konsorti fid-dar irkuprata bħala eredi ta' Maria Teresa Caruana, kif jasserixxi huwa li għandu dak it-titolu; u wara dan id-dispożitiv qatgħet l-ispejjeż ta' dak li kien ġe deċiż; u spiċċat is-sentenza tagħha bil-kliem "u tiddiferixxi l-kawża għall-24 ta' Ġunju 1946 għat-trattazzjoni tat-tieni eċċezzjoni." Dina s-sentenza, fuq u ad istanza ta' l-attur tal-lum, ġiet ritrattata quddiem l-Onorabbli Qorti fuq imsemmija minħabba żewġ motivi, u ċjoè (1) li dik is-sentenza applikat il-liġi ħażin skond ma jgħid l-art. 814 ittra (e) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili in kwantu ddikjarat li l-isqaq "de quo" għandu fuqu diversi aperturi favur id-dar irkuprata, u li għalhekk dina d-dar għandha fuq l-isqaq drittijiet ta' servitù, mentri skond l-attur dak il-fatt kien biss jikkostitwixxi użu tal-ħaġa komuni bħala effett naturali tal-komunjoni, u (2) li dik is-sentenza kienet l-effett ta' żball li skond l-attur tal-lum kien jidher mill-atti jew dokumenti tal-kawża, motiv sostnut mill-art. 814 ittra (e) tal-Proċedura Ċivili, billi l-istess deċiżjoni kienet tinsab bażata fuq is-suppożizzjoni ta' fatt li l-verità tiegħu tinsab inkontrastabilment eskluża, in kwantu s-suppożizzjoni li l-isqaq "de quo" jinsab suġġett għas-servitù ta' diversi aperturi favur il-fond irkuprat kienet eskluża mill-att ta' diviżjoni pubblikat fl-attijiet tan-Nutar Giovanni Azzopardi tal-20 ta' Settembru 1923, li minnu k'en jidher li Caterina Gerada f'dak l-att ta' qasma kien messha l-fond li in forza tiegħu eżerċitat l-irkupru bħala liberu u frank minn piżijiet, bid-diċitura li l-istess dar imsemmija lilha assenjata kellha l-komunjoni ma' ħadd ieħor, sṡaq li fuqu dak il-fond kellu aperturi bla ebda menzjoni ta' xi soġġezzjoni. Dina r-ritrattazzjoni, kif jista' jidher mis-sentenza ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell tal-Maestà Tiegħu r-Re tal-20 ta' Diċembru 1946, ġiet maqtugħa b'eżitu sfavorevoli għall-attur tal-lum;

Illi in tema legali, sabiex ikun operativ l-artikolu 814 it-

tra (j) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili jrid, apparti li l-falsità tkun dikjarata b'sentenza u li din is-sentenza trid tkun posterjuri għal dik li tiġi impunjata, il-għaliex jekk tkun anterjuri, il-parti sokkombenti trid tipprova li ma kienetx taf bil-falsità ħlief wara s-sentenza impunjata, mhux biss li jkun sar użu fil-ġudizzju ta' provi rikonoxxuti jew dikjarati foloz, imma huwa neċessarju li jiġi wkoll pruvat li dawk il-provi (skond il-liġi tagħna) ikunu servew bħala bażi tas-sentenza. Jista jagħti l-każ—dak li mhux rari—infatti, li provi oħra, u mhux il-provi foloz, ikunu l-bażi tal-ġudikat, u allura f'ipotesi simili, fil-ħsieb ta' dina l-Qorti, il-motiv għar-ritrattazzjoni jaqa'. Jingħad ukoll li l-kliem tal-liġi "jekk is-sentenza tkun ġiet deċiża fuq provi li........... jiġu dikjarati foloz" jeskludu l-idea li l-leġislatur ried jitkellem u jaħudi għall-istess sentenza impunjata, il-għaliex hija l-falsità tal-provi, u mhux dik tas-sentenza, li tista' tagħti d-dritt għar-ritrattazzjoni (ara Carrè, Commentario delle Leggi di Proċedura Civile, Vol. III, paġina 637, nono mezzo tar-rikors tar-ritrattazzjoni, Lib. IV, P. I, Titolo II, paragrafo 1759, Ediz. Napoli 1854, u Pothier, Procedura Civile, sezione III, Delle Vie Straordinarie per ricorrere contra le sentenze, paġina 1021 u 1022, para. 2, no. 3. Ara wkoll Ricci, Procedura Civile, Vol. II, para. 566);

Illi minn dana jitnissel li l-provi jridu jkunu foloz, u mhux r-raġunament li setgħet għamlet il-Qorti fuq provi li ma humiex kontestati, li jista' jagħti r-rimedju kontemplat. Jekk infatti mill-provi saret deduzzjoni jew induzzjoni loġika ħażina dwarha, ċertament dika l-istess prova ma tistax tingħad li hija falza per kwantu l-ġudikant, li suppost li jkun apprendiha ħażin, ikun wasal minnha għall-konvinċiment morali legalment ħażin jew errat. Lanqas l-eżistenza fil-poter ta' min jippromwovi l-kawża ta' provi oħra li bihom jista' jipprova kemm dik l-opinjoni tal-Qorti hija inkorretta ma jikkostitwixxu l-falsità li jrid ikun hemm għall-operazzjonijiet tad-dispost "de quo", il-għaliex il-liġi fil-kelma "provi" f'dana d-dispost riedet iddaħħal il-mezzi legali li bihom bniedem jikkonoxxi u jġiegħel lil ħadd ieħor jikkonoxxi l-verità ta' fatt.

imma mhux il-konvinċiment li minnhom ikun wasal għalih il-ġudikant sabiex jagħti s-sentenza;

Illi, stabbiliti dawn il-prinċipji, fil-ħsieb ta' dik il-Qorti ż-żewġ aggravji ta' l-attur ma humiex fondati. Infatti, wara li l-Qorti kkonstatat "de visu" illi d-dar numru 71 Strada Sant'Angelo, Zejtun, li l-attur għandu kwota minnha, u jippretendi anzi li huwa proprjetarju ta' l-intier, dak li l-konvenuta qiegħda tikkontestalu, fil-kawża ta' l-appell imsemmija, għandha fuq l-isqaq diversi aperturi u twieqi u bibien, fatt permanenti li mhux kontestat, u li ma jistax għalhekk ikun falz, iddikjarat bħala konsegwenza ta' dak il-fatt aċċertat illi "għalhekk huwa indubitat illi dik id-dar fuq dak il-post għandha dritt jiet ta' servitù"; li hija, ma hemmx bżonn jingħad, dikjarazzjoni ta' dritt li evolviet ruħha fil-menti tal-ġudikant minn dik il-prova, kif jista' jidher mill-argument sussegwenti għal dika l-affermazzjoni, sabiex ġiet eskluża t-teżi ta' l-attur tal-lum, fis-sens li fuq ħaġa komuni l-kommunista ma jistax ikollu favur tiegħu drittijiet ta' servitù; l-att tan-Nutar Troisi Menville ma jippruvax li l-prova li fuqha l-Qorti bbażat ir-raġunamenti tagħha kienet falza, imma huwa ntiż biex jerġa' jattakka l-konklużjoni li għaliha ġiet dika l-istess Qorti, b'mod li l-istess ma jwaqqax il-fatt permanenti li fuq dak l-isqaq l-aperturi, twieqi u bibien tal-postijiet tiegħu adjaċenti fil-fatt jeżistu. L-eżistenza ta' dak id-dokument, jekk konoxxuta qabel is-sentenza finali, ma tagħtix lill-attur ir-rimedju straordinarju tar-ritrattazzjoni; imma jekk ġiet konoxxuta wara, u salva l-portata tiegħu, seta' jagħti dak ir-rimedju taħt inċiż ieħor, u mhux dak imsemmi;

Dwar it-tieni aggravju jingħad li tant huwa ċar li l-Qorti ta' l-Appell kienet konvinta li l-attur ma akkwista ebda kwota preċiża minn dak l-isqaq, dak li kien meħtieġ għat-trasferiment tal-proprjetà tiegħu favur l-attur, li ddikjarat li l-istess bl-akkwist tal-kwota tad-dar li għamel fil-fatt ġie akkwista sempliċi dritt ta' passaġġ fuq l-isqaq, u mhux proprjetà, u dana fuq l-istima tal-perit li fuqha xtara l-istess attur. Dana juri li mhux il-prova "per sè". imma l-apprezzament għiegħel lill-

Qorti tiddeċidi f'dak is-sens. Meta l-attur irid li jiġi l-lum dikjarat li minn dak l-isqaq huwa akkwista l-istess kwota li akkwista mil-liberazzjoni tad-dar, jidher ċar li huwa jrid jerġa' jiftaħ il-kwistjoni li ddeċidiet il-Qorti ta' l-Appell bis-sentenza tat-3 ta' Ġunju 1946, u mhux l-għaliex dika s-sentenza ġiet bażata fuq xi prova falza;

Illi għalkemm fuq dana l-pont il-konvenuta semmiet il-ġudikat fid-dikjarazzjoni tagħha, hija però ma tatx formalment l-eċċezzjoni tar-"res judicata" fin-nota ta' l-eċċezzjonijiet; u billi dina l-eċċezzjoni ma hix ta' ordni publiku u l-partijiet jistgħu jirrinunzjaw għaliha, tant espressament kemm taċitament, fil-każ 'n diżamina ma tistax tiġi deċiża b'kap separat, l-għaliex id-dikjarazzjoni, fil-ħsieb ta' dina l-Qorti, ma tagħmelx f'lok l-eċċezzjoni;

Illi b'dana kollu jingħad però li fuq dana l-pont l-attur ma jippruvax li s-sentenza "de quo" kienet bażata fuq il-prova falza. imma rribadixxa dak li kien qal quddiem il-Qorti ta' l-Appell b'mod li wera li jrid jikkumbatti d-dikjarazzjoni taddritt ta' dik il-Qorti bħala li titnissel mill-konvinċiment tagħha — dak li ma jikkostitwix prova falza;

Illi dwar it-tieni talba, la darba l-konvenuta hija komproprjetarja ta' l-isqaq, kif mhux dubitat, hija tista' tagħmel minnu dak l-użu kollu li ma jillimitax jew ma jiddisturbax lill-komproprjetarji l-oħra ta' l-istess sqaq. Del resto, ma ġiex pruvat li hija għamlet xi użu mill-istess sqaq divers minn dak li tista' tagħmel minnu bħala komproprjetarja jew b'xi inkonvenjent għall-komproprjetarji l-oħra; almenu provi f'dan is-sens ma sarux mill-attur;

Illi kwindi t-talbiet attriċi ma jistgħux jiġu milqugħa;

Rat in-nota ta' l-appell ta' l-attur, u rat il-petizzjoni tiegħu fejn talab li s-sentenza fuq imsemmija tat-28 ta' Ġunju 1948 tiġi revokata, billi jiġu milqugħa d-domandi kollha tiegħu kif proposti fl-att taċ-ċitazzjoni; bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi l-appellant fil-petizzjoni beda biex jattakka bħala nul-

la l-imsemmija sentenza tat-28 ta' Ġunju 1948, għal motivi hawn taħt miġjuba :—

a) Għaliex ma ddeċidietx l-eċċezzjoni tar-"res judicata";

b) Għaliex ma ġietx deċiża l-eċċezzjoni li huwa mhux eredi ta' Maria Teresa Caruana;

c) Għaliex f'dik is-sentenza ma ġietx premessa menzjoni, anki sommarja, tad-domanda u tar-risposta, skond l-art. 216 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili;

d) Għaliex il-kawża quddiem l-Ewwel Qorti ma ġietx trattata ħlief fuq l-ewwel domanda, u d-deċiżjoni kellha tkun biss relativa għal dik id-domanda;

Ikkunsidrat;

Illi kwantu għall-ewwel motiv miġjub 'il quddiem mill-appellant, huwa stess jammetti li l-appellati ma opponew l-ebda eċċezzjoni ta' ġudikat fin-nota ta' l-eċċezzjonijiet tagħhom, iżda biss fid-dikjarazzjoni tagħhom aċċennaw illi l-atti msemmijin fit-tieni paragrafu tad-dikjarazzjoni messhom ġew prodotti quddiem il-Qorti fil-kawża "Gerada vs. Caruana", li qatgħet il-kwistjoni bejn il-kontendenti b'sentenza li għaddiet in ġudikat. L-appellant isostni li d-dikjarazzjoni tifforma parti integrali tan-nota ta' l-eċċezzjoni, u għalhekk jista' jingħata l-każ li eċċezzjoni tirriżulta mid-dikjarazzjoni għalkemm mhux imsemmija fin-nota ta' l-eċċezzjonijiet. Dina l-pretensjoni ta' l-appellant mhix fondata, għaliex huwa espressament stabbilit (art. 158 (2) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili) li l-eċċezzjonijiet għandhom jiġu mogħtijin fin-nota u mhux fid-dikjarazzjoni, billi din għandha "jkun fiha miġjubin ċari u ħaġa b'ħaġa l-fattijiet li fuqhom (il-konvenut) jibbaża l-oppożizzjoni tiegħu" (art. 158 (5) tal-Kodiċi fuq ċitat). Għalhekk l-Ewwel Qorti ma kellha quddiemha ebda eċċezzjoni ta' "res judicata", billi ebda eċċezzjoni simili ma ġiet mogħtija fin-nota ta' l-eċċezzjonijiet. Konsegwentement l-ewwel motiv ta' nullità allegat mill-appellant kontra s-sentenza tat-28 ta' Ġunju 1948, mhux ammissibili, u l-Qorti tirrespinġi n-nullità allegata in bażi għal dak il-motiv, bl-ispejjeż kontra l-appellant;

Ikkunsidrat;

Illi t-tieni motiv ta' nullità allegat mill-appellant kontra l-imsemmija sentenza tat-28 ta' Ġunju 1948, huwa bażat fuq il-fatt li b'dik is-sentenza ma ġietx deċiża l-eċċezzjoni li huwa mhux werriet ta' Maria Teresa Caruana. Din l-eċċezzjoni ma tammontax għal dik ta' l-illeġittimità tal-persuna, billi skond il-liġi (art. 781 Kodiċi ċitat) dina t'sta' tingħata biss meta l-attur jew il-konvenut huwa inkapaċi skond il-liġi biex joqgħod f'kawża, jew biex iħarrek jew jiġi mħarrek fl-isem u fl-interess ta' ħadd ieħor mingħajr ma jkun awtorizzat skond il-liġi. Għaldaqshekk ebda wieħed minn dawn il-każi speċifikati mil-liġi ma kien jissussisti fil-każ in kwistjoni, billi meta wieħed jidher f'kawża, sew bħala attur sew bħala konvenut, bħala eredi ta' l-awtur jew pretiż awtur tiegħu, huwa jkun jidher għalih stess u għal ħaġa tiegħu stess bħala kontinwatur tal-persuna tad-decujus, li ssir ħaġa waħda mal-persuna tiegħu. L-appellant isostni wkoll li dik l-eċċezzjoni, li huwa mhux werriet ta' Maria Teresa Caruana, tammonta għal karenza ta' interess li huwa jipproponi d-domanda; iżda ma hemm ebda dispożizzjoni tal-liġi li tobliga li tiġi deċiża b'kap separat l-eċċezzjoni tal-kwalità ereditarja jew dik pretiża mill-appellanti, ta' karenza ta' interess. Dawn iż-żewġ eċċezzjonijiet mhumiex fost dawk tassativament enunċjati fl-art. 731 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, li għandhom jiġu deċiżi b'kap separat. Anki dan it-tieni motiv tan-nullità addott mill-appellanti huwa għalhekk bla bażi, u l-Qorti tirrespinġieh bl-ispejjeż kontra l-appellant;

Ikkunsidrat;

Illi t-tielet motiv huwa bażat fuq id-dispożizzjoni ta' l-art. 216 tal-Kodiċi fuq ċitat, li jgħid hekk :— "Fis-sentenza għandhom qabel xejn jingħataw ir-raġunijiet li fuqhom il-Qorti tkun ibbażat id-deċiżjoni tagħha, u għandu jkun hemm fiha wkoll dik il-parti tat-talba u tat-tweġiba li l-Qorti jidhrilha hija bizżejjed biex is-sentenza tkun tiftiehem". Is-sentenza appellata, f'lok ma rriportat dik it-talba u t-tweġiba, għamlet riferenza għad-deċiżjoni preċedenti mogħtija fl-istess kawża fit-23 ta' Mejju 1947, fejn qalet li "huma riassunti d-domandi ta' l-attur u l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti". Minħabba din

is-sempliċi riferenza l-appellant deherlu li s-sentenza ma ottemperatx għal vot tal-liġi, u għalhekk hija nulla. Hija ħaġa magħrufa, bħala pratika kostanti ta' dawn il-Qrati, illi meta tkun diġà ġiet mogħtija deċiżjoni fejn ikunu riportati d-domanda u l-eċċezzjonijiet, f'deċiżjoni oħra sussegwenti fl-istess kawża ma jiġux riportati mill-ġdid dik id-domanda u dawk l-eċċezzjonijiet, imma ssir sempliċement riiferenza għad-deċiżjoni ta' qabel u għal fatti li huma hemm miġjubin. Din il-pratika kostanti għandha bħala fondament il-konsiderazzjoni li d-deċiżjonijiet kollha li jingħataw fl-istess kawża jikkostitwixxu "quid unum", ħaġa waħda, u għalhekk għandhom jiġu meħudin u kunsidrati bħala pronunċjat uniku tal-Qorti, non ostanti li hu kompost minn iżjed minn deċiżjoni waħda. Konsegwentement kien sufficienti għal vot tal-liġi li d-domanda u r-risposta ġew riassunti fl-ewwel deċiżjoni, u għal din id-deċiżjoni u għal dak ir-riassunt saret sempliċi riferenza fid-deċiżjoni ta' wara, jiġifieri f'dik tat-28 ta' Ġunju 1948. Għalhekk anki dan il-motiv ta' nullità huwa bla bażi, u l-Qorti tirrespinġieh bl-ispejjeż kontra l-appellant;

Ikkunsidrat;

Illi r-raba' u l-aħħar kawża ta' nullità addotta mill-appellant jibbażaha fuq il-pretensjoni li quddiem l-Ewwel Qorti l-kawża ġiet trattata biss fuq l-ewwel talba miġjuba biċ-ċitazzjoni u li kienet ġiet differita biss għad-deċiżjoni ta' dik it-talba. Fuq dan il-pont hemm lok li jiġi rilevat li, kif jidher mill-verbal fil-fol. 37 tergo, fid-29 ta' Mejju 1948, saret it-trattazzjoni finali tal-kawża. u din baqgħet għat-28 ta' Ġunju 1948, għas-sentenza fin-nuqqas ta' ostakolu. Dak il-verbal ġie meħud presumibilment fil-preżenza tal-partijiet jew taddifensuri tagħhom, u jekk ma kienx jirrispekkja eżattament dak li sar u dak li kellu jsir, kien hemm żmien biżżejjed biex l-attenzjoni tal-Qorti tiġi attirata qabel ma għaddiet biex tagħti d-deċiżjoni tagħha. Il-Qorti ma kellhiex quddiemha ħlief dak il-verbal. u bis-saħħa tiegħu kienet ġustifikata tipproċedi għad-deċiżjoni tat-talbiet kollha, kif għamlet. Dan qiegħed jingħad apparti konsiderazzjonijiet oħra fuq l-ammissibilità jew le tan-nullità sollevata għal motiv fuq imsemmi. Konsegwente-

ment dan ir-raba' motiv ta' nullità huwa ineżistenti u bla bażi, u l-Qorti tirrespinġih bl-ispejjeż kontra l-appellant;

Tordna li l-kawża titkompla fil-meritu u għal dan l-iskop tiddifferiha għas-seduta tas-17 ta' Ottubru 1949.